**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Ganni Borg**

Numru: 93/2010

Illum is-sitta (6) ta' April 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Ganni Borg**, ta' sebgha u erbghin (47) sena, bin Emanuel u Grazia neé Sultana, imwieled Xaghra, nhar id-09 ta' Ottubru 1962, residenti fil-fond numru 12, Lourdes, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 50062(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-02 ta' Gunju 2009, ghall-habta ta' 13:50hrs gewwa Triq ir-Rabat, Nadur:

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBJ 435 b'taghbija ta' vireg/xbieki tal-hadid li kien jisporgi lil hinn mill-wesa generali tal-*body* tal-vettura;

2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma' mutur KBL 151 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Alfred Cini;

3. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Cini.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll l-atti kollha tal-kawza mismugha mal-kawza odjerna.[1]

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 74) datata 8 ta' Lulju 2011 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 69(1) u 70 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta);
(b) fl-Artikolu 328(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 78), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Lulju 2011 (*a fol.* 74), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim'Imhallef (*a fol.* 134).

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 137).

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 141), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif

[1] **Il-Pulizija vs. Paul Cini** (Kawza Distrett Numru 537/2009).

diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduti tas-7 ta' Ottubru 2015 u tat-18 ta' Novembru 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 148 *et seq.* u *a fol.* 150 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, lil Dr. Deborah Mercieca ghan-nom tal-kwerelant prezenti fl-awla (cioé Paul Cini) tiddikjara li l-kwerelant imsemmi kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat (*a fol.* 150 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha bil-fomm (*a fol.* 152 *et seq.*) u rat id-dokumenti pprezentati mid-difiza waqt dawn is-sottomissjonijiet.

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cini** (Kawza Distrett Numru 537/2009) u rat li, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura fil-kawza msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni u tal-kawza mismugha maghha.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2010, xehed **Saviour Farrugia** (rapprezentant ta' Transport Malta – *a fol.* 7) fejn qal li mutur bin-numru ta' registazzjoni KBL 151 huwa registrat fuq Alfred Cini, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 51252(G).

**Saviour Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011 (*a fol.* 38) fejn qal li vettura bin-numru ta' registazzjoni KBJ 435 ssejjah lill-imputat Borg.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2010, xehed ukoll **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 8 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut huwa acceda fuq il-post tal-incident stradali *de quo*, liema incident kien jinvolvi vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 435 misjuqa mill-imputat Borg u mutur misjuq mill-kwerelant Paul Cini. Ezebixxa r-rapport u l-iskizz li gew immarkati bhala Dok. "JA 1" u "JA 2" (*a fol.* 11 *et seq.*). Jispjega li mentri l-mutur jidher fl-iskizz, il-vettura nvoluta fl-incident ma tidhirx fuq l-iskizz peress li l-istess vettura kisret lejn in-naha tal-lemin. Jghid li Paul Cini kien gia gie mittiehed l-iSptar u li meta mar ikellmu l-iSptar dan qallu li ma kien jiftakar xejn.

In <u>kontro-ezami</u>, wara li gie muri ritratti li gew immarkati bhala Dok. "CG 1" sa "CG 4" (*a fol.* 16) ikkonferma li dawn juru l-hsarat kagunati fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imputat Borg. Jghid: *"f'dawn ir-ritratti wkoll jidhru l-vireg mghawgin, cioé wahda mill-vireg li gew mghawgin"* (*a fol.* 9).

In <u>ri-ezami</u>, mistoqsi jghid kemm dawn il-vireg tal-hadid kienu jisporgu 'l barra mill-vettura, wiegeb li minn naha ta' quddiem kienu jisporgu 'l barra 1.2 metru u minn naha ta' wara kienu jisporgu 1.5 metru. Jghid: *"X'aktarx illi l-incident sehh meta l-mutur mess ma' dawn il-vireg imbaghad habat gol-karozza"* (*a fol.* 9). Jghid li dan setgha jikkonstatah peress illi fuq wahda mill-vireg mghawwga kien hemm iz-zebgha ahdar tal-mutur. Jghid li l-imputat kien stqarr mieghu li kellu borza hamra mwahhla ma' dawn il-vireg biex taghti sinjal lis-sewwieqa pero jghid li din ma sabha mkien. Jixhed li l-hsarat fuq il-vettura misjuqa minn Borg kienu kollha fuq in-naha tax-xellug taghha.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li minn fejn kien gej Paul Cini lejn in-Nadur, hemm vizjwal twil. Jghid li l-konfigurazzjoni tat-triq f'din in-naha hija twila, dritta u wiesa'. Jghid li l-impatt sehh meta l-vettura kienet se tibda tikser sabiex taqbad Triq ta' Bordin. Jghid li l-vettura kienet ghadha ma kisritx.

In <u>ri-ezami</u> jaqbel illi parti tal-genb tat-triq hija mimlija trab u li meta taghmel x-xita tkun mimlija tajn u ghalhekk m'hijiex karreggjabbli. Jghid li l-vireg kienu gholja 0.2 metru mill-art.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed **Dr. Michael Refalo** (*a fol.* 29 *et seq.*) fir-rigward tal-griehi sofferti minn Paul Cini in segwitu tal-incident stradali li kien involut fih fejn qal li dawn il-griehi kienu jikkonsistu fis-segwenti: *"kien hemm brix fuq in-naha tal-lemin tal-wicc, brix fuq l-irkoppa tal-lemin u kien hemm ksur ukoll tat-tibial plateau n-naha ta' barra tal-istess irkoppa"* (*a fol.* 29). Jghid li Cini gie ammess l-iSptar ghall-osservazzjoni u li l-feriti sofferti minnu kienu feriti ta' natura gravi. Ezebixxa c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MR" (*a fol.* 31).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mill-*x-rays* li ttiehdu rrizulta li kien hemm ksur fl-irkoppa.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, ha l-pedana tax-xhieda **Paul Cini** (*a fol.* 33) fejn ghazel li ma jixhidx f'din il-kawza peress li hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghbu in konnessjoni mal-incident stradali *de quo*.

**Paul Cini** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' April 2011 (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien gej mix-xoghol mix-Xewkija sejjer lejn in-Nadur. Jghid: *"qabel it-trakka hemm triq, it-Triq ta' Bordin, side street, em em karrozza hadra – Toyota? – kienet qieghda tikser lejn lejn it-triq, em, u sa x'hin wasalt lejha ndunajt illi kellha kellha l-hadid u bqajt diehel gol-hadid hu"* (*a fol.* 43). Jghid li nduna bil-vireg x'hin il-vettura kienet quddiemu u hu lahaqha bil-mod il-mod. Jghid li ra l-*indicator* fil-vettura mixghul u kien jaf li l-vettura kienet ser tikser. Jghid li x'hin il-vettura kisret, kienet gejja vettura minn faccata, minn Nadur, u x'hin l-vettura waqfet, din waqfet f'angolu li l-vireg li kien hemm taht il-vettura kienu 'l barra. Jghid li skond il-Pulizija dawn il-vireg kienu l-barra 1.5 fuq wara u 1.2 fuq quddiem. Jghid li x'hin il-vettura waqfet, il-vettura ma waqfitx fid-dritt. Jghid li x'hin il-vettura kisret, il-vireg li kien qed jesporgi l-barra gie f'nofs it-trajettorja tieghu (ta' Cini). Ma jafx jekk kienx hemm aktar spazju bejn il-vireg u l-hajt. Jaf li habat gol-vireg. Spjega x'kienu l-griehi li sofra in segwitu tal-incident. Jghid li ghadu jbaghti minn ugiegh sal-gurnata tallum. Jghid li hu ma ra l-ebda boroz homor mal-vireg.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*indicator* fil-vettura kien ilu mixghul. Jghid li l-ewwel darba li ra l-vettura kien tul ta' madwar erba' (4) darbiet l-awla. Jghid li ma kellux licenzja biex isuq mutur. Ikkonferma li kien qed isuq mutur b'zewg roti. Sarulu riferenza ghal dak li jidher minn zewg ritratti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "EM 1" u "EM 2" (*a fol.* 51).

**Paul Cini** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2011 (*a fol.* 70) fejn qal li l-vettura kienet ta' kulur griz u mhux ahdar.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **Alfred Cini** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li dak li jaf huwa li ibnu Paul Cini hadlu l-mutur u habat. Jghid li ma kienx prezenti meta sehh l-incident pero kkonferma li l-mutur huwa tieghu. Jghid li ma kienx jaf li ibnu kien ser jehodlu l-mutur. Jghid li ma kienx tah permess biex isuqu u dana peress li ibnu ma kellux licenzja biex isuq mutur. Ma jafx xi hsarat garrab il-mutur. Jghid li l-mutur ma kienx ghadu ssewwa.

**Alfred Cini** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2011 (*a fol.* 71) fejn qal li l-mutur kien ghadu ma ssewwiex. Ma jafx jekk saritx stima tal-hsara.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2011, xehed **Mr. Raymond Aquilina** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjega x'griehi sofra Paul Cini in segwitu tal-incident stradali *de quo*. Jghid: *"min-naha ta' rasu ma kienx jidher li hemm ksur pero fl-irkoppa tal-lemin sofra ksur ta' dak li jghidulu t-tibial plateau illi kien f'diversi bicciet. Din kellha bzonn operazzjoni li fil-fatt saret 'l ghada, it-tlieta (3) ta' Gunju. F'din il-procedura kkonfermajna illi kien hemm ksur comminuted hafna tal-lateral tibial plateau. U sewwejna kollox permezz ta' viti u wires"* (*a fol.* 68). Jghid: *"[L]-problema ta' dawn it-tip ta' injuries li kellu fl-irkoppa hija illi s-surface li normalment ikun lixx perfett, kien imfarrak. Ghalkemm ahna sewwejnieh qatt ma tista' tippretendi li se jigi assolutament normali. U jien kont sorpriz kemm kienet il-funzjoni tajba ta' din l-irkoppa meta rajtu ghax ma kien qed jikkomplejna xejn rigward il-gog, kien qed jimxi fuqha piu o meno normali [...]. Issa fil-futur wiehed jistenna li din l-irkoppa imma ha tiddegenera, ha jkollha artrite iktar kmieni milli normalment in-nies ikollhom l-artrite"* (*a*

*fol.* 69). Ikkonferma li l-griehi sofferti minn Paul Cini kienu ta' natura gravi.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 78), il-*parte civile* esebiet dokument mahrug mill-agenzija GasanMamo li jindika l-hsarat sofferti fuq il-mutur ta' Alfred Cini, liema dokument gie immarkat bhala Dok. "PC" (*a fol.* 79). Id-difiza ezentat lill-*parte civile* milli tressaq ix-xhud sabiex jikkonferma dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, xehed **Ganni Borg** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien qed isuq fi Triq ir-Rabat fid-direzzjoni lejn in-Nadur. Jghid li din it-triq hija wahda wiesa', dritta u twila. Jghid li, skond ir-rapport tal-Pulizija, it-triq hija wiesgha 12.3 metru. Ezebixxa tlitt ritratti li gew immarkati bhala Dok. "GB 1" sa "GB 3" (*a fol.* 108). Jghid li hemm vizwal tajjeb u li t-temp kien wiehed xemxi, liema xemx ma kienitx taffetwa l-vizwali tieghu. Jixhed li kien qed joqrob lejn ta' Bordin, xeghel l-*indicator*, resaq lejn il-linji tan-nofs tat-triq u dana peress li ried jaqsam ghat-triq tal-Qala peress li ried imur lejn Ghajnsielem. Jghid li din it-triq tinsab fuq in-naha tal-lemin. Jghid li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 435. Jghid li waqaf, wara li kien xeghel l-*indicator*. Jghid: *"ersaqt lejn il-linji tan-nofs; ovvjament kienet gejja karozza faccata tieghi; jiena waqaft biex intiha cans tghaddi. Fid-daqqa u l-hin nisma' hoss qawwi kbir ta' mutur; harist fil-mera tan-nofs minn gewwa u nara mutur gej gej sparat jigifieri, l-ewwel ta' direzzjoni biex jaqlaghni minn barra tieghi mbaghad rega' gibed 'il gewwa. U spicca gewwa fija"* (*a fol.* 99). Jghid li hu (Borg) fl-ebda hin ma saq pero kien wieqaf. Jghid li l-vettura tieghu hija *automatic* u ezebixxa l-*logbook* li gie mmarkat bhala Dok. "GB 4" (*a fol.* 109). Jghid li bid-daqqa, il-vettura intrefghet minn fuq il-brejk u peress li t-triq taqleb naqra 'l isfel u l-vettura hija *automatic*, il-vettura telqet u daret. Jghid li l-vettura kienet dritta u dana minkejja li kien diga dawwar l-i*steering* u jghid ukoll li kieku l-vettura ma kienitx dritta ma kienx jara l-incident kollu mill-bidu sal-ahhar, kif fil-fatt ghamel. Jghid li l-habta fil-vettura tieghu kienet gol-kantuniera tan-naha tax-xellug tal-vettura minn wara. Jghid li mal-impatt, Cini nqaleb u gie fuq il-vireg. Jghid li peress li hu (Borg) gie mbuttat, il-vettura daret u l-vireg imbaram taht il-vettura. Jghid li l-marka taz-

zebgha giet minn hemm. Jghid li l-vireg kien marbut minn quddiem ghal wara. Jghid li fuq wara ghamel borza hamra mdendla. Jixhed li wara li sehh l-incident, waslet l-ambulanza u hadet lil Cini l-iSptar. Wara li ra l-iskizz mhejji mill-Pulizija xehed hekk: *"l-karozza tieghi kienet mil-linji tan-nofs 'l gewwa. Ovvjament jekk kienet mil-linji tan-nofs 'il gewwa, il-hgieg ha jigi suppost se jigi mill-hajt 'l gewwa, mhux kif inhu qieghed mil-linji 'l barra"* (*a fol.* 104). Jghid li skond hu l-vettura tieghu ma gietx indikata sewwa. Fir-rigward tal-borza hamra li jghid li kellu mdendla fuq wara jghid li din ghamilha zgur pero ma jistghax jghid x'gara meta kien fit-triq. Jixhed li dakinhar tal-akkadut kienet gurnata b'naqra rih pero x'gara ma jistghax jghid. Ezebixxa dokumenti in sostenn tal-hsarat li gew kagunati fil-vettura, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "GB 5" (*a fol.* 110 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 113), id-difiza pprezentat *Survey Report* li gie mmarkat bhala Dok. "GB 6" (*a fol.* 114). Il-Prosekuzzjoni u l-parti leza ezentaw lid-difiza milli tressaq rapprezentant ta' GasanMamo Insurance biex jikkonferma dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 113), il-Prosekuzzjoni u l-parti leza ezentaw lid-difiza milli tressaq lir-rapprezentant ta' M&J Garage u rapprezentant J&R Autoparts biex jikkonfermaw dokumenti esebiti *a fol.* 111 u *a fol.* 112.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 115), il-partijiet qablu li x-xhieda li nstemghet fil-kawza **Il-Pulizija vs. Paul Cini** (Kawza Distrett Numru 537/2009) ghandha tghodd ukoll ghal din il-kawza u ghalhekk din giet inserita fl-atti tal-kawza odjerna flimkien mad-dokumenti esebiti.

Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cini** (Kawza Distrett Numru 537/2009), fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 xehed **Saviour Farrugia** (rapprezentant Transport Malta – *a fol.* 127) fejn qal li Paul Cini ghandu *category* "B" u li din gabha fit-13 ta' Frar 2009. Jghid li fit-19 ta' Jannar 2013 giet inkluza wkoll *category* "B1". Jghid li mentri *category* "B" tinkludi vettura sa tlett elef u hames mitt

kilogramma (3,500kg), *category* "B1" huwa *tricycles* u *quadricycles*. Jghid li ma jirrizultax li Paul Cini kellu licenzja biex isuq mutur fis-sena 2009 u dana peress li ma kellux *category* "A".

Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cini** (Kawza Distrett Numru 537/2009), fis-seduta tas-7 ta' Frar 2013 xehed **Dorian Vassallo** (rapprezentant GasanMamo Insurance – *a fol.* 128 *et seq.*) fejn qal li jirrizulta li l-polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' mutur bin-numru ta' registrazzjoni KBL 151 kienet mahruga fuq Alfred Cini biss. Jghid li s-socjeta' tal-assikurazzjoni ghamlet il-hlas relattiv u dana peress li l-parti l-ohra kienet inxurjata mas-socjeta' GasanMamo Insurance wkoll u t-tort inqasam. Jghid li kienu hallsu lil Cini porzjon taht *ex gratia settlement* peress li kien sofra xi korriment. Jghid li anke l-hsarat fil-vettura ta' Borg gew imhallsa.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-Qorti tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp civili. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u

cioé jistgħu jiġru żewġ affarijiet u cioé jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistrieħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-

> Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

**Ikkunsidrat**

Illi in segwitu tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet. Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet rigward ir-responsabilita' tal-incident stradali *per se.*

Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tad-dinamika tal-incident stradali *de quo* hija ghandha l-verzjoni tal-kwerelant Paul Cini, li kien qed isuq mutur lejn in-Nadur, u kif ukoll tal-imputat, li kien qed isuq vettura b'xi vireg u ried idur fi triq laterali. Filwaqt li l-imputat jghid li fl-hin tal-akkadut kien wieqaf u li mal-vireg kellu borza hamra, il-kwerelant Cini jghid li huwa nduna bil-vireg x'hin il-vettura kienet quddiemu u li hu ra l-*indicator* fil-vettura tal-imputat mixghul u kien jaf li l-vettura kienet ser tikser.

Illi l-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[2], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[3] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

[2] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].
[3] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- It-triq fejn sehh l-incident hija wahda twila, wiesa' u l-vizwal fiha huwa wiehed tajjeb.

- L-incident sehh f'Gunju f'hin wara nofsinhar f'hin meta ma kienx dlam.

- Il-hsarat fil-vettura tal-imputat kienu koncentrati fuq in-naha ta' wara tal-vettura fuq in-naha tal-passiggier (*Vide* ritratti mmarkati bhala Dok. "CG 1" sa Dok. "CG 4" – *a fol.* 16).

- Paul Cini jghid li huwa nduna bil-vireg fil-vettura tal-imputat x'hin il-vettura kienet quddiemu. Jghid li ra l-*indicator* fil-vettura mixghul u kien jaf li l-vettura kienet ser tikser.

- L-imputat jghid li hu waqaf wara li xeghel l-*indicator*. Jghid: *"ersaqt lejn il-linji tan-nofs; ovvjament kienet gejja karozza faccata tieghi; jiena waqaft biex intiha cans tghaddi. Fid-daqqa u l-hin nisma' hoss qawwi kbir ta' mutur; harist fil-mera tan-nofs minn gewwa u nara mutur gej gej sparat jigifieri, l-ewwel ta' direzzjoni biex jaqlaghni minn barra tieghi mbaghad rega' gibed 'il gewwa. U spicca gewwa fija"* (*a fol.* 99). Jghid li hu fl-ebda hin ma saq pero kien wieqaf.

- Meta PS 1233 John Attard, li hejja r-rapport (Dok. "JA 1" – *a fol.* 11 *et seq.*) tal-incident stradali, mar ikellem lil Paul Cini l-iSptar dan qallu li ma kien jiftakar xejn. Il-verzjoni moghtija mill-imputat lil PS 1233 John Attard *a tempo vergine* wara l-akkadut

hija fuq l-istess linji ta' dak li huwa xehed meta ha l-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti. Lil PS 1233 John Attard l-imputat qallu: *"Jien kont fid-direzzjoni tan-Nadur u kont wieqaf bl-indicator on ser nikser fuq il-lemin (lejn ta' Bordin). Kienet gejja karozza niezla minn Nadur. Kont ser indur u waqaft minn gol-mera nara tal-mutur rajtu jigbed il-barra u baqa' diehel go fija fuq wara u bid-daqqa kont miexi u qsamt ghan-naha l-ohra. Mal-hadid kelli borza hamra issa ma nafx fejn marret"* (*a fol.* 12).

- PS 1233 John Attard xehed kif l-imputat kien qallu li kellu borza hamra mwahhla mal-vireg li kellu u dana sabiex jaghti sinjal lis-sewwieqa. PS 1233 Attard jghid li huwa ma sab din il-borza mkien. Da parte tieghu, l-imputat m'huwiex f'pozizzjoni jghid x'gara minn din il-borza pero jixhed li dakinhar tal-incident kienet gurnata b'naqra rih.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex *beyond reasonable doubt, stante* li hawn ninsabu fil-kamp kriminali, li l-imputat kien b'xi mod responsabbli ghall-incident stradali *de quo*. Dak li tista' tinnota l-Qorti huwa li m'hemmx dubju li l-kwerelant Paul Cini ma kellux il-*proper look out* li sewwieq huwa rikjest li ghandu jkollu altrimenti hu kien jintebah qabel bil-vireg li kellu l-imputat mal-vettura u dana qed jinghad tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq fejn sehh l-incident u tal-hin li dan sehh. Jirrizulta wkoll li Paul Cini ma kienx qed izomm d-distanza li huwa rikjest li jzomm minn vettura u dana a bazi ta' dak li jipprovdi l-Kodici ta' Traffiku f'Regolamenti 158 u 278. Il-Qorti ma jirrizultalha l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tal-imputat ghall-incident stradali *de quo*. Ma jirrizulta l-ebda nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti da parte tal-imputat.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-vettura b'taghbija ta' vireg/xbieki tal-hadid li kien jisporgi lil hin mill-wesa generali tal-*body* tal-vettura.

Illi, bhala parentenzi, il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2010 l-imputat ammetta din l-imputazzjoni, din l-ammissjoni ma gietx konfermata minnu. Apparti minn dan, id-difiza, fis-sottomissjonijiet taghha, donnha tirtira tali ammissjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser tikkunsidra li tali ammissjoni giet irtirata u dana minghajr mal-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk l-imputat kellux dritt jew le li jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li l-ewwel (1) imputazzjoni kif dedotta fic-*charge sheet* taghmel riferenza specifika ghal vireg/xbieki, fl-Artikoli tal-Ligi li l-Avukat Generali jidhirlu li l-imputat jinstab hati, l-Avukat Generali jaghmel riferenza, fost l-ohrajn, ghal Artikoli 69(1) u 70 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li Artikolu 69(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja msemmija jghid hekk:

> "Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull regolament iehor li jillimita n-numru ta' passiggieri jew l-akbar taghbija li tista' tingarr f'xi vettura, hadd ma ghandu jsuq ebda vettura li tkun mghobbija z-zejjed b'passiggieri jew merkanzija hekk li tohloq periklu jew lill-passiggieri li jingarru fiha jew lil terzi persuni",

Artikolu 70 jghid:

> "Hadd ma ghandu jsuq xi vettura li jkollha mwahhla maghha xi haga li, minhabba l-piz jew pozizzjoni taghha, tista tikkaguna hsara lil xi proprjetà ta' persuna ohra, jew lit-triq jew post iehor ta' passagg pubbliku; jew li tista' tfixkel il-manuvrar jew l-efficjenza mekkanika tal-vettura".

Illi l-Qorti tinnota wkoll li persuna li ssuq vettura bil-mutur li ggorr xbieki jew vireg tal-hadid li ma jkunux hekk marbutin li ma ssirx hsara lil wicc it-triq tkun hatja ta' *ammenda* ta' mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47). Dan jemergi mill-Ewwel Kolonna tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan m'huwiex dak li l-imputat jinsab akkuzat bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni pero minnu jirrizulta li mhuwiex illegali li jingarru xbieki jew vireg basta jigi osservat dak li tiddisponi l-ligi.

Illi, b'riferenza ghall-ewwel (1) imputazzjoni u ghall-Artikoli tal-Ligi li saru riferenza ghalihom hawn fuq mill-Avukat Generali[4], il-Qorti, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar il-fuq f'din is-sentenza, ma jirrizultalhiex li dawn gew b'xi mod pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament kkaguna hsarat ghad-dannu ta' Alfred Cini.

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha aktar il-fuq f'din is-sentenza rigward l-incident stradali *de quo*, il-Qorti ser tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu *stante* li ma jirrizultax li l-imputat ikkommetta hsara nvolontarja fir-rigward ta' Alfred Cini minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Cini.

[4] Artikoli 69(1) u 70 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi apparti l-fatt li, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, il-kwerelant Paul Cini rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, tenut kont tal-fatt li din l-imputazzjoni hija wahda *ex officio*, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza rigward l-incident stradali, fejn il-Qorti stabbilit li ma gie pruvat l-ebda nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti fl-imputat, ghaldaqstant il-Qorti ser tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni *stante* li din ma gietx pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Ganni Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

__________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

________________________

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**